Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/656**

tad-19 ta' Diċembru 2016

li jistabbilixxi r-rekwiżiti amministrattivi relatati mal-limiti tal-emissjonijiet u l-approvazzjoni tat-tip għall-magni b'kombustjoni interna għal makkinarju mobbli mhux tat-triq skont ir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 102, 13.4.2017, p. 364)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/988 tas-27 ta' April 2018	L 182	46	18.7.2018

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/656

tad-19 ta' Diċembru 2016

li jistabbilixxi r-rekwiżiti amministrattivi relatati mal-limiti tal-emissjonijiet u l-approvazzjoni tat-tip għall-magni b'kombustjoni interna għal makkinarju mobbli mhux tat-triq skont ir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandha tapplika d-definizzjoni li ġejja:

(1) "parametru aġġustabbli" tfisser kull apparat, sistema, jew element ta' disinn li jista' jiġi aġġustat minn xi ħadd (inklużi dawk li huma diffiċli biex wieħed jaċċessahom) u li, jekk jiġi aġġustat, jista' jaffettwa l-emissjonijiet jew il-prestazzjoni tal-magna waqt l-ittestjar tal-emissjonijiet jew it-tħaddim waqt l-użu normali. Dan jinkludi parametri relatati mat-tajming tal-injezzjoni u mar-rata ta' alimentazzjoni, iżda mhuwiex limitat għalihom biss;

(2) "sistema ta' postrattament tal-partikuli wall-flow" tfisser sistema ta' postrattament tal-partikuli li fiha l-gass tal-egżost kollu huwa mġiegħel jgħaddi minn ħajt li jiffiltra l-materjal solidu.

Artikolu 2

Mudelli għall-folder ta' informazzjoni u għad-dokument ta' informazzjoni

1. Il-manifatturi għandhom jużaw il-mudelli stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament meta jipprovdu l-folders ta' informazzjoni u d-i ta' informazzjoni skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2016/1628.

2. Għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip skont ir-Regolament (UE) 2016/1628, jistgħu jiġu ppreżentati dokumenti ta' informazzjoni eżistenti għall-magni tal-kategorija RLL maħruġa skont id-Direttiva 97/68/KE jew id-dokument ta' informazzjoni ta' approvazzjoni tat-tip ekwivalenti msemmi fl-Anness XII tad-Direttiva 97/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

3. Għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip skont ir-Regolament (UE) 2016/1628, jistgħu jiġu ppreżentati dokumenti ta' informazzjoni eżistenti għall-Magni bi Skop Speċjali (SPE) maħruġa skont id-Direttiva 97/68/KE jew id-dokument ta' informazzjoni ta' approvazzjoni tat-tip ekwivalenti msemmi fl-Anness XII tad-Direttiva 97/68/KE.

([1]) Id-Direttiva 97/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1997 dwar l-approssimazzjoni tal-ligijiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-miżuri kontra l-emissjoni ta' inkwinanti ta' gass u partikolati minn magni tal-kombustjoni interna li għandhom jiġu installati f'makkinarju mobbli mhux tat-triq (ĠU L 59, 27.2.1998, p. 1)

▼B

4. Għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip skont ir-Regolament (UE) 2016/1628 jistgħu jiġu ppreżentati dokumenti ta' informazzjoni eżistenti għall-magni tal-kategorija NRSh maħruġa skont id-Direttiva 97/68/KE jew id-dokument ta' informazzjoni ta' approvazzjoni tat-tip ekwivalenti msemmi fl-Anness XII tad-Direttiva 97/68/KE.

Artikolu 3

Mudelli għal dikjarazzjonijiet tal-konformità

Il-manifatturi għandhom jużaw il-mudelli stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament meta jippreżentaw dikjarazzjonijiet tal-konformità skont l-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2016/1628.

Artikolu 4

Mudelli għall-marki tal-magni

Il-manifatturi għandhom jużaw il-mudelli stabbiliti fl-Anness III ta' dan ir-Regolament meta jwaħħlu marki fuq magna skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2016/1628.

Artikolu 5

Mudelli għaċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE

L-awtoritajiet tal-approvazzjoni għandhom jużaw il-mudell stabbilit fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament meta joħorġu ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE skont l-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2016/1628.

Artikolu 6

Sistema ta' numerazzjoni taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE

L-awtoritajiet tal-approvazzjoni għandhom jużaw is-sistema ta' numerazzjoni armonizzata stabbilita fl-Anness V ta' dan ir-Regolament meta jinnumeraw iċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2016/1628.

Artikolu 7

Il-format uniku tar-rapport tat-test

1. Is-servizzi tekniċi għandhom jużaw il-format uniku stabbilit fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament meta jkunu qed ifasslu r-rapporti tat-testijiet imsemmija fl-Artikolu 6(3)(g) u fl-Artikoli 22(6) u 23(3)(a) tar-Regolament (UE) 2016/1628.

2. Għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip skont ir-Regolament (UE) 2016/1628, jistgħu jiġu ppreżentati rapporti tat-testijiet eżistenti għall-magni tal-kategorija RLL maħruġa skont id-Direttiva 97/68/KE bil-kundizzjoni li la r-rekwiżiti sostantivi u lanqas ir-rekwiżiti dwar il-proċeduri tat-test ma jkunu nbidlu minn meta sar it-test. Id-differenza

▼B

bejn it-tagħbija perċentwali u l-potenza u bejn il-fattur tal-peżar għannumru tal-modalità (nru tal-modalità) taċ-ċiklu tat-test mogħti fit-taqsima 3.7.1.4. tal-Anness III tad-Direttiva 97/68/KE u n-numru tal-modalità korrispondenti għaċ-ċiklu tat-test fl-Appendiċi 1 tal-Anness XVII tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/654 ([1]) dwar ir-rekwiżiti tekniċi u ġenerali, ma għandhiex titqies bħala sostantiva għal dan il-għan.

3. Għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip skont ir-Regolament (UE) 2016/1628 jistgħu jiġu ppreżentati rapporti tat-testijiet eżistenti għallmagni li jissodisfaw il-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet tal-Magni bi Skop Speċjali (SPE) maħruġa skont id-Direttiva 97/68/KE jew ir-rapport tat-test ta' approvazzjoni tat-tip ekwivalenti msemmi fl-Anness XII tad-Direttiva 97/68/KE, bil-kundizzjoni li la r-rekwiżiti sostantivi u lanqas ir-rekwiżiti dwar il-proċeduri tat-test ma jkunu nbidlu minn meta sar it-test.

4. Għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip skont ir-Regolament (UE) 2016/1628, jistgħu jiġu ppreżentati rapporti tat-testijiet eżistenti għallmagni li jissodisfaw il-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet NRSh maħruġa skont id-Direttiva 97/68/KE, bil-kundizzjoni li la r-rekwiżiti sostantivi u lanqas ir-rekwiżiti dwar il-proċeduri tat-test ma jkunu nbidlu minn meta sar it-test.

Artikolu 8

Format għal-lista ta' magni msemmija fl-Artikolu 37(1) tar-Regolament (UE) 2016/1628

Il-manifatturi għandhom jużaw il-format stabbilit fl-Anness VII ta' dan ir-Regolament meta jippreżentaw il-lista ta' magni skont l-Artikolu 37(1) tar-Regolament (UE) 2016/1628.

Artikolu 9

Mudelli u l-istruttura tad-dejta għall-iskambju ta' dejta permezz tal-IMI

L-awtoritajiet tal-approvazzjoni għandhom jużaw il-mudelli u l-istruttura tad-dejta stabbiliti fl-Anness VIII ta' dan ir-Regolament għall-iskambju ta' dejta permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) skont l-Artikolu 22(5) tar-Regolament (UE) 2016/1628.

Artikolu 10

Rekwiżiti u proċeduri tekniċi għall-interkonnessjoni tal-IMI malbażijiet tad-dejta nazzjonali eżistenti

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 44(3)(c) tar-Regolament (UE) 2016/1628, l-IMI għandha toffri servizz ibbażat fuq l-internet għat-trasferiment ta' dejta relatata ma' applikazzjonijiet għal approvazzjonijiet tat-tip tal-UE mill-bażijiet ta' dejta nazzjonali eżistenti lill-IMI.

([1]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/654 tad-19 ta' Diċembru 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tekniċi u ġenerali relatati mal-limiti tal-emissjonijiet u l-approvazzjoni tat-tip għall-magni b'kombustjoni interna ta' makkinarju mobbli mhux tat-triq (ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

▼B

2. Għall-finijiet tal-Artikolu 44(3)(c) tar-Regolament (UE) 2016/1628, l-IMI għandha toffri servizz ibbażat fuq l-internet għat-trasferiment ta' dejta relatata mal-approvazzjonijiet tat-tip tal-UE li huma mogħtija, estiżi, iritirati jew irrifjutati mill-IMI lill-bażijiet ta' dejta nazzjonali eżistenti.

L-ewwel paragrafu għandu japplika biss meta l-Istat Membru kkonċernat ikun qabel mat-trasferiment ta' din id-dejta bl-użu ta' servizz ibbbażat fuq l-internet tal-IMI.

Artikolu 11

Parametri għad-definizzjoni ta' tipi ta' magni u ta' familji ta' magni, u l-modalitajiet operattivi tagħhom

Għall-finijiet tal-paragrafi 1, 2 u 3 tal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2016/1628, il-manifatturi għandhom jużaw il-parametri stabbiliti fl-Anness IX ta' dan ir-Regolament meta jiddefinixxu t-tipi ta' magni u l-familji ta' magni, u l-modalitajiet operattivi tagħhom.

Artikolu 12

Dettalji tekniċi għall-prevenzjoni tat-tbagħbis

Għall-finijiet tal-Artikolu 18(4) tar-Regolament (UE) 2016/1628, il-manifatturi għandhom japplikaw id-dettalji tekniċi stabbiliti fl-Anness X ta' dan ir-Regolament għall-prevenzjoni tat-tbagħbis.

▼M1

Artikolu 12a

Dispożizzjonijiet tranżitorji

1. Minkejja l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/988 ([1]), sal-31 ta' Diċembru 2018, l-awtoritajiet tal-approvazzjoni għandhom ikomplu jagħtu l-approvazzjonijiet tat-tip lit-tipi ta' magni jew lill-familji ta' magni skont dan ir-Regolament, fil-verżjoni tiegħu applikabbli fis-6 ta' Awwissu 2018.

2. Minkejja l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/988, sat-30 ta' Ġunju 2019, l-Istati Membri għandhom ikomplu jippermettu t-tqegħid fis-suq tal-magni bbażati fuq tip ta' magna approvat skont dan ir-Regolament, fil-verżjoni tiegħu applikabbli fis-6 ta' Awwissu 2018.

([1]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/988 tas-27 ta' April 2018 li jemenda u jikkoreġi r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/656 li jistabbilixxi r-rekwiżiti amministrattivi relatati mal-limiti tal-emissjonijiet u l-approvazzjoni tat-tip għall-magni b'kombustjoni interna għal makkinarju mobbli mhux tat-triq skont ir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 182, 18.7.2018, p. 46).

▼B

Artikolu 13

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

WERREJ

Anness I	Mudelli għall-folder ta' informazzjoni u għad-dokument ta' informazzjoni	
Anness II	Mudelli għad-dikjarazzjonijiet tal-konformità	
Anness III	Mudelli għall-immarkar tal-magni	
Anness IV	Mudelli għaċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE	
Anness V	Sistema ta' numerazzjoni taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE	
Anness VI	Il-format uniku tar-rapport tat-test	
Anness VII	Format għal-lista ta' magni msemmija fl-Artikolu 37(1) tar-Regolament (UE) 2016/1628	
Anness VIII	Mudelli u l-istruttura tad-dejta għall-iskambju ta' dejta permezz tal-IMI	
Anness IX	Parametri għad-definizzjoni tat-tipi ta' magni u ta' familji ta' magni, u l-modalitajiet operattivi tagħhom	
Anness X	Dettalji tekniċi għall-prevenzjoni tat-tbagħbis	

▼B

ANNESS I

Mudelli għall-folder ta' informazzjoni u għad-dokument ta' informazzjoni

PARTI A — FOLDER TA' INFORMAZZJONI

1. **Rekwiżiti ġenerali**

Il-folder ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2016/1628 għandu jinkludi dan li ġej:

1.1. Werrej;

1.2. Dikjarazzjoni tal-manifattur dwar l-aderenza mar-rekwiżiti kollha tar-Regolament (UE) 2016/1628 skont il-mudell stabbilit fl-Appendiċi 1;

▼M1

1.3. Dikjarazzjoni tal-manifattur dwar il-konformità tat-tip tal-magna jew tal-familja tal-magna mal-limiti tal-emissjonijiet tal-egżost stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2016/1628 fir-rigward ta' fjuwils likwidi, taħlitiet ta' fjuwils jew emulsjonijiet ta' fjuwils speċifikati minbarra dawk stabbiliti fil-punt 1.2.2 tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/654;

▼B

1.4. Għall-magni kkontrollati b'mod elettroniku tal-kategoriji NRE, NRG, IWP, IWA, RLL u RLR, li jikkonformaw mal-limiti ta' emissjonijiet tal-"Istadju V" stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2016/1628 u li jużaw kontroll elettroniku sabiex tiġi determinata kemm il-kwantità ta' fjuwil kif ukoll it-tajming għall-injezzjoni tal-fjuwil jew li jużaw kontroll elettroniku sabiex jattivaw, jiddiżattivaw jew jimmodulaw is-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet użata biex jitnaqqas l-NO_x, ħarsa ġenerali sħiħa tal-istrateġija għall-kontroll tal-emissjonijiet, inkluża l-istrateġija bażika għal-kontroll tal-emissjonijiet u l-mezzi li permezz tagħhom kull strateġija awżiljarja ta' kontroll tikkontrolla direttament jew indirettament il-varjabbli tal-output;

1.4.1. L-informazzjoni kunfidenzjali addizzjonali kif stabbilit fl-Appendiċi 2 għandha ssir disponibbli biss għas-servizz tekniku li jkun qed iwettaq it-testijiet u ma għandhiex tiġi inkluża fil-folder ta' informazzjoni;

1.5. Fejn applikabbli, deskrizzjoni sħiħa tal-karatteristiċi operattivi funzjonali tal-miżuri ta' kontroll tal-NO_x u sistema ta' inċitament kif imsemmi fl-Anness IV tar-Regolament Delegat (UE) 2017/654;

▼M1

1.5.1. Meta applikabbli, kopja tar-rapporti ta' dimostrazzjoni stipulati fil-punti 10.5.1. u 13.4.1. tal-Appendiċi 1 tal-Anness IV tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/654;

1.5.2. Meta applikabbli, deskrizzjoni tal-konnessjoni għar-reġistri, u l-metodu biex jinqraw, li huma stipulati fil-punt 5.2.1.1.(e) tal-Appendiċi 1 tal-Anness IV tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/654 u fil-punt 4.1. tal-Appendiċi 2 ta' dak l-Anness;

1.5.3. Meta t-tip tal-magna jew il-familja tal-magna jkunu membru tal-familja tal-magni NCD, bi qbil mal-awtorità tal-approvazzjoni, inkella tista' tingħata ġustifikazzjoni għall-appartenenza tagħhom flimkien mal-informazzjoni mitluba fil-punti 1.5, 1.5.1. u 1.5.2. dwar il-familja tal-magni NCD;

▼B

1.6. Fejn applikabbli, deskrizzjoni sħiħa tal-karatteristiċi operattivi funzjonali tal-miżuri ta' kontroll tal-partikuli kif imsemmi fl-Anness IV tar-Regolament Delegat (UE) 2017/654;

▼M1

1.6.1. Meta applikabbli, kopja tar-rapporti ta' dimostrazzjoni stipulati fil-punt 9.3.6.1. tal-Appendiċi 4 tal-Anness IV tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/654;

1.6.2. Meta applikabbli, deskrizzjoni tal-konnessjoni għar-reġistri, u l-metodu biex jinqraw, li huma stipulati fil-punt 5.4. tal-Appendiċi 4 tal-Anness IV tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/654 u fil-punt 4.1. tal-Appendiċi 2 ta' dak l-Anness;

1.6.3. Meta t-tip tal-magna jew il-familja tal-magna jkunu membru tal-familja tal-magni PCD, bi qbil mal-awtorità tal-approvazzjoni, inkella tista' tingħata ġustifikazzjoni għas-sħubija tagħhom flimkien mal-informazzjoni mitluba fil-punti 1.6, 1.6.1. u 1.6.2. dwar il-familja tal-magni PCD;

▼B

1.7. Dikjarazzjoni tal-manifattur, u rapporti tat-testijiet jew dejta ta' appoġġ, dwar fatturi ta' deterjorament kif imsemmi fl-Artikolu 25(1)(c) tar-Regolament (UE) 2016/1628 u fl-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2017/654;

1.7.1 Fejn it-tip ta' magna jew il-familja tal-magna tkun membru ta' familja ta' sistema ta' postrattament tal-magna, bi qbil mal-awtorità tal-approvazzjoni, alternattivament tista' tiġi pprovduta ġustifikazzjoni għall-appartenenza tagħha flimkien mal-informazzjoni mitluba fil-punt 1.7 dwar il-familja ta' magni li toffri sistema ta' postrattament;

1.8. Fejn applikabbli, id-dikjarazzjoni tal-manifattur, u r-rapporti tat-testijiet jew id-dejta ta' appoġġ, tal-fatturi mhux frekwenti ta' aġġustament tar-riġenerazzjoni msemmija fl-Anness VI tar-Regolament Delegat (UE) 2017/654;

1.8.1 Fejn it-tip ta' magna jew il-familja tal-magna tkun membru ta' familja ta' sistema ta' postrattament tal-magna, bi qbil mal-awtorità tal-approvazzjoni, alternattivament tista' tiġi pprovduta ġustifikazzjoni għall-appartenenza tagħha flimkien mal-informazzjoni mitluba fil-punt 1.8 dwar il-familja ta' magni li toffri sistema ta' postrattament;

1.9. Id-dikjarazzjoni tal-manifattur u d-dejta ta' appoġġ li turi li l-istrateġiji ta' kontroll tal-emissjonijiet imwaħħla huma ddisinjati b'tali mod li safejn ikun possibbli jipprevjenu t-tbagħbis, kif imsemmi fl-Artikolu 18(4) tar-Regolament (UE) 2016/1628 u fl-Anness X għal dan ir-Regolament.

1.9.1. Għal tipi ta' magni u familji ta' magni li jużaw Unità ta' Kontroll Elettroniku (ECU) bħala parti mis-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet l-informazzjoni għandha tinkludi deskrizzjoni tad-dispożizzjonijiet meħuda biex jiġi evitat it-tbagħbis u tal-modifikazzjoni tal-ECU inkluża l-faċilità għall-aġġornament permezz ta' programm jew kalibrazzjoni approvati mill-manifattur;

1.9.2. Għal tipi ta' magni u familji ta' magni li jużaw apparat mekkaniku bħala parti mis-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet l-informazzjoni għandha tinkludi deskrizzjoni tad-dispożizzjonijiet meħuda biex jiġi evitat it-tbagħbis u tal-modifikazzjoni tal-parametri aġġustabbli tas-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet. Dan għandu jinkludi l-komponenti reżistenti għat-tbagħbis bħal għatu limitatur tal-karburatur jew l-issiġillar tal-viti tal-karburatur jew viti speċjali li ma jistgħux jiġu aġġustati mill-utent;

▼B

1.9.3 Sabiex magni minn familji ta' magni differenti jitpoġġew fl-istess familja ta' magni li jevitaw it-tbagħbis il-manifattur għandu jipprovdi konferma lill-awtorità tal-approvazzjoni li l-miżuri użati biex jiġi evitat it-tbagħbis huma simili.

1.10. Deskrizzjoni tal-konnettur fiżiku meħtieġ biex jirċievi s-sinjal tat-torque mill-ECU tal-magna waqt it-test ta' monitoraġġ fis-servizz skont l-Appendiċi 6 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/655 ([1]) dwar il-monitoraġġ ta' magni fis-servizz, sabiex jinkiseb dan il-konnettur.

1.11. Deskrizzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni tal-assigurazzjoni ġenerali tal-kwalità għall-konformità tal-produzzjoni skont l-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2017/654;

1.12. Lista ta' rekwiżiti ta' manutenzjoni skedata relatata mal-emissjonijiet u l-perjodu li fih kull wieħed għandu jseħħ inkluż kull skambju skedat ta' komponenti kritiċi relatati mal-emissjonijiet;

1.13. Id-dokument ta' informazzjoni mimli kif stabbilit fil-Parti B ta' dan l-Anness;

1.14. Id-dejta, id-disinji, ir-ritratti u l-informazzjoni l-oħra kollha rilevanti kif meħtieġ fid-dokument ta' informazzjoni;

2. L-applikazzjonijiet sottomessi fuq karta għandhom ikunu fi tliet kopji. Kwalunkwe tpinġija għandha tkun fuq skala xierqa u dettaljata biżżejjed fuq folji ta' daqs A4 jew f'folder ta' format A4. F'każ li jkun hemm xi ritratti, dawn għandhom ikunu ddettaljati biżżejjed.

PARTI B — DOKUMENT TA' INFORMAZZJONI

1. **Rekwiżiti ġenerali**

1.1. Id-dokument ta' informazzjoni għandu jkollu numru ta' referenza maħruġ mill-applikant;

1.2. Fejn id-dettalji li jidhru fid-dokument ta' informazzjoni għall-approvazzjoni ta' magna jkunu nbidlu, il-manifattur għandu jippreżenta paġni riveduti lill-awtorità ta' approvazzjoni li juru b'mod ċar in-natura tat-tibdil u d-dejta tal-ħruġ mill-ġdid;

2. **Kontenut tad-dokument ta' informazzjoni**

2.1. Id-dokumenti kollha ta' informazzjoni għandhom jinkludu dan li ġej:

2.1.1. l-informazzjoni ġenerali stabbilita fil-Parti A tal-Appendiċi 3;

2.1.2. l-informazzjoni stabbilita fil-Parti B tal-Appendiċi 3, biex jiġu identifikati l-parametri komuni tad-disinn tat-tipi kollha ta' magni fi ħdan familja ta' magni jew li jkunu applikabbli għat-tip ta' magna fejn din ma tkunx parti minn familja ta' magni, maħsuba għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE;

2.1.3. l-informazzjoni stabbilita fil-Parti C tal-Appendiċi 3 li ssegwi l-format tal-matriċi stabbilita fil-punt 2.1.3.1 biex jiġu identifikati l-elementi applikabbli għall-magna referenzjarja jew għat-tip ta' magna u t-tipi ta' magni fil-familja tal-magna, jekk applikabbli:

([1]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/655 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tekniċi u ġenerali relatati mal-limiti tal-emissjonijiet u l-approvazzjoni tat-tip għall-magni b'kombustjoni interna ta' makkinarju mobbli mhux tat-triq (ara l-paġna 334 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

▼B

2.1.3.1. Matriċi tat-tip ta' magna jew tal-familja tal-magna b'dejta rappreżentattiva

Numru tal-Element	Deskrizzjoni tal-Element	Test	Installazzjoni	Omologazzjoni	Magna referenzjarja/tip ta' magna	Tipi ta' magni fi ħdan il-familja tal-magna (jekk applikabbli)			
						tip 2	tip 3	tip …	tip n
3.1	**Identifikazzjoni tal-Magna**								
3.1.1	Dežinjazzjoni tat-tip ta' magna				A01	A02	A03	A04	A05
3.2	**Parametri tal-Prestazzjoni**								
3.2.1	Veloċità nominali ddikjarata (rotazzjonijiet kull minuta):	X			2 200	2 200	2 000	1 800	1 800
3.10.	**Apparati mixxellanji: Iva/Le**								
3.10.1	Riċirkolazzjoni tal-gass tal-egżost (EGR)								
3.10.1.1.	Karatteristiċi (bit-tkessiħ jew mingħajru, bi pressjoni għolja/bi pressjoni baxxa, eċċ.):			X					
…	…	…	…	…	…				

▼M1

2.1.3.2. Fil-kolonna korrispondenti tat-tabella, is-salib (X) jidentifika l-iskopijiet li huwa maħsub għalihom kull element:

(a) “Test” tfisser informazzjoni meħtieġa għat-twettiq tat-test tal-emissjonijiet,

(b) “Installazzjoni” tfisser informazzjoni meħtieġa għall-installazzjoni f'makkinarju mobbli mhux tat-triq, u

(c) “Omologazzjoni” tfisser informazzjoni meħtieġa għal kull spezzjoni li tikkonferma li l-magna taqbel mal-karatteristiċi tat-tip tal-magna speċifikat u, meta applikabbli, tal-familja tal-magna speċifikata.

Il-kolonni “test”, “installazzjoni” u “omologazzjoni” qed jingħataw biss għal skopijiet ta' informazzjoni, u jistgħu jitħallew barra mid-dokument ta' informazzjoni mressaq lill-awtorità tal-approvazzjoni.

▼B

2.1.3.3. Fil-każ ta' magni b'veloċità kostanti b'diversi veloċitajiet nominali għandhom jiġu rreġistrati kolonna jew kolonni addizzjonali b'sett ta' dejta għal kull veloċità fit-taqsima 3.2 (Parametri tal-Prestazzjoni).

2.1.3.4. Fil-każ tal-kategorija IWP li tkun maħsuba biex tintuża kemm għal operazzjoni b'veloċità varjabbli kif ukoll b'veloċità kostanti, għandha tiġi rreġistrata kolonna addizzjonali ta' dejta għal kull operazzjoni fit-taqsima 3.2 (Parametri tal-Prestazzjoni).

3. **Noti ta' spjegazzjoni dwar il-ħolqien ta' dokument ta' informazzjoni:**

3.1. Wara qbil mal-awtorità tal-approvazzjoni, l-informazzjoni fil-punt 2.1.2 u 2.1.3 tista' tiġi ppreżentata f'format alternattiv;

▼B

3.2. Kull tip ta' magna jew il-magna referenzjarja fil-matriċi stabbilita fil-punt 2.1.3.1 għandha tiġi identifikata skont id-dežinjazzjoni tal-familja tal-magna u skont id-dežinjazzjoni tat-tip ta' magna stabbiliti fit-taqsima 4.

3.3. Għandhom jiġi elenkati biss dawk it-taqsimiet jew dawk is-sottotaqsimiet tal-Partijiet B u C tal-Appendiċi 3 li huma rilevanti għall-familja tal-magna, għat-tipi ta' magni fi ħdan il-familja tal-magna jew għat-tip ta' magna partikolari; fi kwalunkwe każ, il-lista għandha żżomm massistema ta' numerazzjoni proposta,

3.4. Fejn jingħataw diversi għażliet separati minn karattru ta' slash bil-quddiem, l-għażliet li ma jkunux ġew użati għandhom jiġu ingassati, jew inkella tintwera biss l-għażla(għażliet) li jkunu ġew użati;

3.5. Meta l-istess valur għal karatteristika partikolari ta' magna jew deskrizzjoni tagħha tapplika għal diversi membri jew għall-membri kollha tal-familja tal-magna, iċ-ċelloli korrispondenti jistgħu jiġu amalgamati.

3.6. Fejn ikun hemm bżonn ta' stampa, dijagramma jew informazzjoni dettaljata, tista' tingħata referenza għal appendiċi;

3.7. Fejn jintalab it-"tip" ta' komponent, l-informazzjoni mogħtija għandha tidentifika l-komponent b'mod uniku; din tista' tkun lista ta' karatteristiċi, l-isem tal-manifatturi u n-numru ta' part jew ta' disinn, disinn, jew kombinazzjoni tal-metodi msemmija qabel jew metodi oħra li jwasslu għall-istess riżultat.

4. **Dežinjazzjoni tat-tip ta' magna u dežinjazzjoni tal-familja tal-magna**

Il-manifattur għandu jalloka kodiċi alfanumeriku uniku għal kull tip ta' magna u ta' familja tal-magna.

4.1. Fil-każ ta' tip ta' magna, il-kodiċi jissemma *dežinjazzjoni tat-tip ta' magna* u għandu jidentifika b'mod ċar u b'mod inekwivoku dawk il-magni li jippreżentaw kombinazzjoni unika ta' karatteristiċi tekniċi għal dawk l-oġġetti mniżżla fil-Parti C tal-Appendiċi 3 li japplikaw għat-tip ta' magna.

4.2. Fil-każ ta' tipi ta' magni fi ħdan familja ta' magni, il-kodiċi kollu jissemma *Tip ta' Familja* jew "*FT*", u huwa magħmul minn żewġ taqsimiet: l-ewwel taqsima tissemma *dežinjazzjoni tal-familja tal-magna* u tidentifika l-familja tal-magna; it-tieni taqsima hija d-dežinjazzjoni tat-tip ta' magna ta' kull tip ta' magna partikolari fi ħdan il-familja tal-magna;

▼M1

Id-dežinjazzjoni tal-familja tal-magna għandha tidentifika b'mod ċar u b'mod inekwivoku dawk il-magni li jippreżentaw kombinazzjoni unika ta' karatteristiċi tekniċi għal dawk l-entrati stabbiliti fil-Parti B tal-Appendiċi 3 applikabbli għall-familja partikolari tal-magna.

▼B

L-FT għandha tidentifika b'mod ċar u b'mod inekwivoku dawk il-magni li jippreżentaw kombinazzjoni unika ta' karatteristiċi tekniċi għal dawk l-elementi stabbiliti fil-Parti C tal-Appendiċi 3 applikabbli għat-tip ta' magna fil-familja tal-magna.

4.2.1. Il-manifattur jista' juża l-istess dežinjazzjoni tal-familja tal-magna biex jidentifika l-istess familja ta' magni taħt żewġ kategoriji jew aktar ta' magni.

4.2.2. Il-manifattur ma għandux juża l-istess dežinjazzjoni tal-familja tal-magna biex jidentifika aktar minn familja waħda ta' magni taħt l-istess kategorija ta' magni.

▼B

4.2.3. Preżentazzjoni tal-FT

Fl-FT, għandu jitħalla spazju bejn id-dežinjazzjoni tal-familja tal-magna u d-dežinjazzjoni tat-tip ta' magna, kif muri fl-eżempju ta' hawn taħt:

“159AF[spazju]0054”

4.3. Għadd ta' karattri

L-għadd ta' karattri ma għandux jaqbeż dawn li ġejjin:

(a) 15 għad-dežinjazzjoni tal-familja tal-magna;

(b) 25 għad-dežinjazzjoni tat-tip ta' magna;

(c) 40 għall-FT.

4.4. Karattri permessi

Id-dežinjazzjoni tat-tip ta' magna u d-dežinjazzjoni tal-familja tal-magna għandhom ikunu magħmula minn ittri Rumani u/jew numri Għarab;

4.4.1. L-użu ta' parentesi u singijiet huwa permess diment li ma jieħdux post ittra jew ċifra.

4.4.2. L-użu ta' karattri varjabbli huwa permess; meta l-karatteristika varjabbli ma tkunx magħrufa fil-ħin tan-notifika, il-karattri varjabbli għandhom jiġu denotati permezz ta' “#”;

4.4.2.1. Ir-raġunijiet għall-użu ta' dawn il-karattri varjabbli għandhom jiġu spjegati lis-servizz tekniku u lill-awtorità tal-approvazzjoni.

▼B

Appendiċi 1

Dikjarazzjoni mill-manifattur dwar il-konformità mar-Regolament (UE) 2016/1628

Is-sottoskritt:[(l-isem sħiħ u l-pożizzjoni)]

B'dan jiddikjara li t-tip ta' magna/familja tal-magna (*) tikkonforma f'kull aspett mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/654 ([2]), tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/655 ([3]) u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/656 ([4]) u ma tuża l-ebda strateġija ta' invalidazzjoni.

L-istrateġiji kollha ta' kontroll tal-emissjonijiet jikkonformaw, fejn applikabbli, mar-rekwiżiti tal-Istrateġija Bażika ta' Kontroll tal-Emissjonijiet (BECS) u tal-Istrateġija Awżiljarja għall-Kontroll tal-Emissjonijiet (AECS) stabbiliti fit-Taqsima 2 tal-Anness IV tar-Regolament Delegat (UE) 2017/654, u ġew żvelati skont dak l-Anness u skont l-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/656.

1.1. Għamla (isem (ismijiet) kummerċjali tal-manifattur): .....

1.2. Isem (ismijiet) kummerċjali (jekk applikabbli): .....

1.3. Isem u indirizz tal-kumpanija tal-manifattur: .....

1.4. Isem u indirizz tar-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur (jekk ikun hemm): .....

1.6. Dežinjazzjoni tat-tip ta' magna/ dežinjazzjoni tal-familja tal-magna/ FT (*): .....

(Post) (Data) .....

Firma (jew rappreżentazzjoni viżwali ta' "firma elettronika avvanzata" skont ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), inkluża d-dejta għall-verifika): .....

Noti ta' spjegazzjoni għall-Appendiċi 1:

(Ir-referenzi għan-noti f'qiegħ il-paġna, in-noti f' qiegħ il-paġna u n-noti ta' spjegazzjoni ma għandhomx jitniżżlu fid-dikjarazzjoni tal-manifattur)

(*) Aqta' barra l-għażliet li ma jkunux intużaw, jew uri biss l-għażla (għażliet) li tkun (jkunu) intużat(w).

([1]) Ir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar ir-rekwiżiti relatati mal-limiti tal-emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi u partikolati u l-approvazzjoni tat-tip għall-magni b'kombustjoni interna għal makkinarju mobbli mhux tat-triq, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1024/2012 u (UE) Nru 167/2013, u li jemenda u jirrevoka d-Direttiva 97/68/KE (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 53).

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/654 tad-19 ta' Diċembru 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti tekniċi u ġenerali relatati mal-limiti tal-emissjonijiet u l-approvazzjoni tat-tip għall-magni b'kombustjoni interna għal makkinarju mobbli mhux tat-triq (ĠU L 102, 13.4.2017, p. 1).

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/655 tad-19 ta' Diċembru 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi u partikolati minn magni b'kombustjoni interna fis-servizz installati f'makkinarju mobbli mhux tat-triq (ĠU L 102, 13.4.2017, p. 334).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/656 tad-19 ta' Diċembru 2016 li jistabbilixxi r-rekwiżiti amministrattivi relatati mal-limiti tal-emissjonijiet u l-approvazzjoni tat-tip għall-magni b'kombustjoni interna għal makkinarju mobbli mhux tat-triq skont ir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 102, 13.4.2017, p. 364).

([5]) Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73).

▼B

Appendiċi 2

Informazzjoni kunfidenzjali dwar l-istrateġija ta' kontroll tal-emissjonijiet

1. Dan l-Appendiċi għandu japplika għal magni kkontrollati b'mod elettroniku, li jużaw kontroll elettroniku sabiex tiġi ddeterminata kemm il-kwantità kif ukoll it-tajming ta' meta jiġi injettat il-fjuwil.

2. Għandha tiġi ppreżentata informazzjoni addizzjonali lis-servizz tekniku iżda ma għandhiex tiġi mehmuża mal-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE. Din l-informazzjoni għandha tinkludi l-parametri kollha modifikati minn kwalunkwe strateġija awżiljarja għall-kontroll tal-emissjonijiet u l-kundizzjonijiet ta' limitu li fihom topera din l-istrateġija u b'mod partikolari:

   (a) deskrizzjoni tal-loġika ta' kontroll, tal-istrateġiji tat-tajming u tal-punti ta' bidla, matul il-modalitajiet operattivi kollha għall-fjuwil u għal sistemi essenzjali oħra, li jirriżultaw f'kontroll effettiv tal-emissjonijiet (bħar-riċirkolazzjoni tal-gass tal-egżost (EGR) jew id-dożaġġ tar-reaġenti);

   (b) ġustifikazzjoni għall-użu ta' kwalunkwe strateġija awżiljarja għall-kontroll tal-emissjonijiet li tintuża għall-magna, akkumpanjata b'materjal u dejta tat-test, li turi x'inhu l-effett tal-emissjonijiet tal-egżost. Din il-ġustifikazzjoni tista' tkun ibbażata fuq id-dejta tat-testijiet, fuq analiżi inġineristika soda, jew fuq kombinazzjoni tat-tnejn;

   (c) deskrizzjoni dettaljata tal-algoritmi jew tas-sensuri (fejn applikabbli) li ntużaw biex jiġi identifikat, analizzat, jew dijanjostikat it-tħaddim skorrett tas-sistema ta' kontroll tal-NO_x;

   (d) deskrizzjoni dettaljata tal-algoritmi jew tas-sensuri (fejn applikabbli) li ntużaw biex jiġi identifikat, analizzat, jew dijanjostikat it-tħaddim skorrett tas-sistema ta' kontroll tal-partikuli.

3. L-informazzjoni addizzjonali meħtieġa fil-punt 2 għandha tiġi ttrattata bħala strettament kunfidenzjali. Din għandha tinżamm mill-manifattur u għandha ssir disponibbli mill-awtorità tal-approvazzjoni għal finijiet ta' spezzjoni fil-waqt tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE jew fuq talba fi kwalunkwe żmien matul il-validità tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE. F'dan il-każ, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha titratta din l-informazzjoni bħala kunfidenzjali u ma għandhiex tiddivulgaha lil partijiet oħra.

▼B

Appendiċi 3

Mudell għad-dokument ta' informazzjoni

PARTI A

1. INFORMAZZJONI ĠENERALI

1.1. Għamla (isem (ismijiet) kummerċjali tal-manifattur): .....

1.2. Isem (ismijiet) kummerċjali (jekk applikabbli): .....

1.3. Isem u indirizz tal-kumpanija tal-manifattur: .....

1.4. Isem u indirizz tar-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur (jekk ikun hemm): .....

1.5. Isem (ismijiet) u indirizz(i) tal-impjant(i) tal-assemblaġġ/tal-manifattura: .....

1.6. Dežinjazzjoni tat-tip ta' magna/dežinjazzjoni tal-familja tal-magna/FT: .....

1.7. Kategorija u subkategorija tat-tip/familja tal-magna: NRE-v-1/NRE-v-2/NRE-v-3/NRE-v-4/NRE-v-5/NRE-v-6/NRE-v-7/NRE-c-1/NRE-c-2/NRE-c-3/NRE-c-4/NRE-c-5/NRE-c-6/NRE-c-7/NRG-v-1/NRG-c-1/NRSh-v-1a/NRSh-v-1b/NRS-vr-1a/NRS-vr-1b/NRS-vi-1a/NRS-vi-1b/NRS-v-2a/NRS-v-2b/NRS-v-3/IWP-v-1/IWP-v-2/IWP-v-3/IWP-v-4/IWP-c-1/IWP-c-2/IWP-c-3/IWP-c-4/IWA-v-1/IWA-v-2/IWA-v-3/IWA-v-4/IWA-c-1/IWA-c-2/IWA-c-3/IWA-c-4/RLL-v-1/RLL-C-1/RLR-v-1/RLR-C-1/SMB-v-1/ATS-v-1

1.8. Kategorija tal-perjodu ta' durabbiltà tal-emissjonijiet: Mhux Applikabbli/Kat 1 (Prodotti għall-konsumaturi)/Kat 2 (Prodotti semiprofessjonali)/Kat 3 (Prodotti professjonali)

1.9. Stadju tal-emissjonijiet: V/ Magna bi Skop Speċjali (SPE)

1.10. Fil-każ ta' NRS <19 kW biss, familja ta' magni li tikkonsisti esklussivament minn tipi ta' magni għal makkinarju għat-tneħħija tas-silġ: Iva/Le

1.11. Il-potenza referenzjarja hija: potenza netta nominali/potenza netta massima

1.12. Ċiklu primarju tat-test NRSC: C1/C2/D2/E2/E3/F/G1/G2/G3/H

1.12.1. Fil-każ ta' magni b'veloċità varjabbli tal-kategorija IWP biss, Ċiklu addizzjonali tat-test tal-propulsjoni: Mhux applikat/E2/E3

1.12.2. Fil-każ tal-kategorija IWP biss, ċiklu awżiljarju addizzjonali tat-test NRSC: Mhux applikat/D2/C1

1.13. Ċiklu tat-test tranżitorju: Mhux applikabbli/NRTC/LSI-NRTC

1.14. Restrizzjonijiet dwar l-użu (jekk applikabbli):

PARTI B

2. PARAMETERI KOMUNI TAD-DISINN TAL-FAMILJA TAL-MAGNA ([1])

2.1. Ċiklu tal-Kombustjoni: ċiklu four stroke/ċiklu two stroke/rotatorju/oħrajn (speċifika) .....

2.2. Tip ta' Tqabbid: Tqabbid bil-kompressjoni/tqabbid bl-ispark

2.3. **Konfigurazzjoni taċ-ċilindri**

2.3.1. Pożizzjoni taċ-ċilindri fil-blokka: Unika/V/allinjata/opposta/radjali/oħrajn(speċifika): .....

2.3.2. Dimensjoni miċ-ċentru għaċ-ċentru tal-bor (mm): .....

▼B

2.4. **Tip/disinn tal-kompartiment tal-kombustjoni**

2.4.1. Kompartiment miftuħ/kompartiment maqsum/oħrajn (speċifika)

2.4.2. Konfigurazzjoni tal-valvijiet u tal-bokka: .....

2.4.3. Għadd ta' valvijiet għal kull ċilindru: .....

▼M1

2.5. Il-firxa taċ-ċilindrata għal kull ċilindru (cm^3): .....

▼B

2.6. Mezz ta' Tkessiħ Prinċipali: Arja/Ilma/Żejt

2.7. Metodu tal-aspirazzjoni tal-arja: aspirata b'mod naturali/iċċarġjata bil-pressjoni/iċċarġjata bil-pressjoni b'sistema li tkessaħ l-arja tal-magna wara li tkun għaddiet minn turboċarġer

2.8. **Fjuwil**

2.8.1. It-tip ta' Fjuwil: Dīżil (żejt tal-gass mhux għat-triq)/Etanol għal magni dedikati li jaqbdu bil-kompressjoni (ED95)/Petrol (E10)/Etanol (E85)/(Gass naturali/Bijometan)/Gass Likwifikat miż-Żejt (LPG)

2.8.1.1. Sottotip ta' fjuwil (Gass naturali/Bijometan biss): Fjuwil universali — fjuwil b'valur kalorifiku għoli (gass H) u fjuwil b'valur kalorifiku baxx (gass L)/Medda ristretta ta' fjuwils — fjuwil b'valur kalorifiku għoli (gass H)/Medda ristretta ta' fjuwils — fjuwil b'valur kalorifiku baxx (gass L)/Fjuwil speċifiku (LNG);

2.8.2. Arranġament tal-alimentazzjoni: Fjuwil likwidu biss/Fjuwil gassuż biss/Żewġ tipi ta' fjuwils tat-tip 1A/Żewġ tipi ta' fjuwils tat-tip 1B/Żewġ tipi ta' fjuwils tat-tip 2A/Żewġ tipi ta' fjuwils tat-tip 2B/Żewġ tipi ta' fjuwils tat-tip 3B

▼M1

2.8.3. lista ta' fjuwils addizzjonali, taħlitiet ta' fjuwils jew emulsjonijiet ta' fjuwils li jistgħu jintużaw mill-magna, kif dikjarat mill-manifattur skont il-punt 1.2.3. tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/654 (aġħti referenza għall-istandard jew l-ispeċifikazzjoni rikonoxxuti): .....

▼B

2.8.4. Lubrikant miżjud mal-fjuwil: Iva/Le

2.8.4.1. Speċifikazzjoni: .....

2.8.4.2. Proporzjon tal-fjuwil maż-żejt: .....

2.8.5. Tip ta' provvista tal-fjuwil: Pompa (bi pressjoni għolja) tal-linja tal-fjuwil u pompa tal-injezzjoni/allinjata jew pompa tad-distribuzzjoni/Unità ta' injezzjoni/Common rail/Karburatur)/injettur fil-bokka/injettur dirett/Unità tat-taħlit/oħrajn (speċifika): .....

2.9. Sistemi tal-ġestjoni tal-magna: strateġija ta' kontroll mekkaniku/elettroniku ([2])

2.10. **Apparati mixxellanji: Iva/Le**

(jekk iva pprovdi dijagramma skematika tal-pożizzjoni u l-ordni tal-apparat)

2.10.1. Riċirkolazzjoni tal-gass tal-egżost (EGR): Iva/Le

(jekk iva, imla t-taqsima 3.10.1 u pprovdi dijagramma skematika tal-pożizzjoni u l-ordni tal-apparat)

2.10.2. Injezzjoni tal-ilma: Iva/Le

(jekk iva, imla t-taqsima 3.10.2 u pprovdi dijagramma skematika tal-pożizzjoni u l-ordni tal-apparat)

▼B

2.10.3. Injezzjoni tal-arja: Iva/Le

(jekk iva, imla t-taqsima 3.10.3 u pprovdi dijagramma skematika tal-pożizzjoni u l-ordni tal-apparat)

▼M1

2.10.4. Oħrajn: Iva/Le

(jekk iva, imla t-taqsima 3.10.4. u agħti dijagramma skematika tal-pożizzjoni u l-ordni tal-apparat)

▼B

2.11. **Sistema ta' postrattament tal-egżost: Iva/Le**

(jekk iva pprovdi dijagramma skematika tal-pożizzjoni u l-ordni tal-apparat)

2.11.1. Katalizzatur tal-ossidazzjoni: Iva/Le

(jekk iva, imla t-taqsima 3.11.2)

2.11.2. Sistema $DeNO_x$ b'riduzzjoni selettiva tal-NO_x (żieda ta' aġent riduċenti): Iva/Le

(jekk iva, imla t-taqsima 3.11.3)

2.11.3. Sistemi $DeNO_x$ oħrajn: Iva/Le

(jekk iva, imla t-taqsima 3.11.3)

2.11.4. Katalizzatur tridirezzjonali li jikkombina ossidazzjoni u riduzzjoni tal-NO_x: Iva/Le

(jekk iva, imla t-taqsima 3.11.3)

2.11.5. Sistema ta' postrattament tal-partikuli b'riġenerazzjoni passiva: Iva/Le

(jekk iva, imla t-taqsima 3.11.4)

2.11.5.1. Tat-tip wall-flow/non-wall-flow

2.11.6. Sistema ta' postrattament tal-partikuli b'riġenerazzjoni attiva: Iva/Le

(jekk iva, imla t-taqsima 3.11.4)

2.11.6.1. Tat-tip wall-flow/non-wall-flow

2.11.7. Sistemi oħra ta' postrattament tal-partikuli: Iva/Le

(jekk iva, imla t-taqsima 3.11.4)

2.11.8. Apparat ieħor ta' postrattament (speċifika): .....

(jekk iva, imla t-taqsima 3.11.5)

▼M1

2.11.9. Apparat jew karatteristiċi oħrajn li għandhom influwenza qawwija fuq l-emissjonijiet: Iva/Le

(jekk iva, imla t-taqsima 3.11.7.)

▼B

PARTI C

3. KARATTERISTIĊI ESSENZJALI TAT-TIP(I) TA' MAGNA(I)

Numru tal-Element	Deskrizzjoni tal-Element	Test	Installazzjoni	Omologazzjoni	Magna referenz-jarja/tip ta' magna	Tipi ta' magni fi ħdan il-familja tal-magna (jekk applikabbli)				Noti ta' spjegazzjoni (mhux inklużi fid-dokument)
						tip 2	tip 3	tip …	tip n	
3.1	**Identifikazzjoni tal-Magna**									
3.1.1.	Dežinjazzjoni tat-tip ta' magna			X						
3.1.2.	Dežinjazzjoni tat-tip ta' magna murija fuq l-immarkar tal-magna: iva/le			X						
3.1.3.	Pożizzjoni tal-immarkar statutorju:			X						
3.1.4.	Metodu ta' twaħħil tal-immarkar statutorju:			X						
3.1.5.	Disinji tal-pożizzjoni tan-numru ta' identifikaz-zjoni tal-magna (eżempju komplut bid-dimensjonijiet):			X						
3.2.	**Parametri tal-Prestazzjoni**									
3.2.1.	Veloċità nominali ddikjarata (rotazzjonijiet kull minuta):	X								
3.2.1.1.	Twassil tal-fjuwil/strowk (mm^3) għall-magni tad-diżil, il-fluss tal-fjuwil (g/h) għall-magni l-oħra, f'potenza netta nominali:			X						
3.2.1.2.	Potenza netta nominali ddikjarata (kW):	X								
3.2.2.	Veloċità tal-potenza massima (rotazzjonijiet kull minuta):			X						Jekk differenti mill-veloċità nominali

▼B

Numru tal-Element	Deskrizzjoni tal-Element	Test	Installazzjoni	Omologazzjoni	Magna referenz-jarja/tip ta' magna	Tipi ta' magni fi ħdan il-familja tal-magna (jekk applikabbli)				Noti ta' spjegazzjoni (mhux inklużi fid-dokument)
						tip 2	tip 3	tip …	tip n	
3.2.2.1.	Twassil/strowk tal-fjuwil (mm^3) għall-magni tad-diżil, fluss tal-fjuwil (g/h) għall-magni l-oħra, f'potenza netta massima:			X						
3.2.2.2.	Potenza netta massima (kW):	X		X						Jekk differenti mill-potenza nominali
3.2.3.	Veloċità massima ddikjarata tat-torque (rotazzjonijiet kull minuta):	X								Jekk applikabbli
3.2.3.1.	Twassil/strowk tal-fjuwil (mm^3) għall-magni tad-diżil, fluss tal-fjuwil (g/h) għall-magni l-oħra, b'veloċità massima tat-torque:			X						
3.2.3.2.	Torque massimu ddikjarat (Nm):	X								Jekk applikabbli
3.2.4.	Veloċità ta' 100 % iddikjarata tat-test:	X								Jekk applikabbli
3.2.5.	Veloċità intermedja ddikjarata tat-test:	X								Jekk applikabbli
3.2.6.	Veloċità diżingranata (rotazzjonijiet kull minuta)	X								Jekk applikabbli
3.2.7.	Veloċità massima mingħajr tagħbija (rotazzjonijiet kull minuta):	X								Jekk applikabbli
3.2.8.	Torque minimu ddikjarat (Nm)	X								Jekk applikabbli
3.3.	**Proċedura tar-running-in**									Fakultattiva fuq l-għażla tal-manifattur
3.3.1.	Ħin tar-running-in:	X								
3.3.2.	Ċiklu tar-running-in:	X								
3.4.	**Test tal-magna**									

▼B

([1]) L-issettjar tad-dinamometru għandu jiġi ddeterminat billi tintuża l-proċedura stabbilita fil-punt 7.7.1.3. tal-Anness VI tar Regolament Delegat (UE) 2017/654. Il-potenza awżiljarja f'dak il-punt għandha tiġi ddeterminata bl-użu tal-valuri totali stabbiliti fit-Tabelli 1 u 2 ta' dan l-Appendiċi.

9.3. Riżultati tal-emissjonijiet tal-NRSC

9.3.1. Fattur ta' Deterjorament (DF): ikkalkolat/assenjat

9.3.2. Il-valuri DF u r-riżultati differenzjati tal-emissjonijiet taċ-ċiklu għandhom jiġu ddikjarati fit-Tabella 6:

Nota: Fil-każ li jsir NRSC f'modalità diskreta fejn ikunu ġew stabbiliti l-fatturi K_{ru} jew K_{rd} għal modalitajiet individwali, it-tabella murija għandha tiġi sostitwita b'tabella li turi kull modalità u l-K_{ru} jew K_{rd} applikati

Tabella 6

Il-valuri DF u r-riżultati differenzjati tal-emissjonijiet taċ-ċiklu NRSC

DF immultiplika/żid	CO	HC	NO_x	$HC+NO_x$	PM	PN
Emissjonijiet	CO (g/k/Wh)	HC (g/k/Wh)	NO_x (g/k/Wh)	$HC+NO_x$ (g/k/Wh)	PM (g/k/Wh)	PN #/kWh
Riżultat tat-test bi/mingħajr riġenerazzjoni						
k_{ru}/k_{rd} immultiplika/żid						
riżultat tat-test b'fatturi mhux frekwenti ta' aġġustament tar-riġenerazzjoni (IRAFs)						
Riżultat tat-test finali bid-DF						

9.3.3. CO_2 ponderata abbażi taċ-ċiklu (g/kWh): .....

9.3.4. NH_3 ponderata abbażi taċ-ċiklu (ppm): .....

9.4. Punti addizzjonali tat-test taż-żona ta' kontroll (jekk applikabbli) għandhom jiġu ddikjarati fit-Tabella 7:

Tabella 7

Punti addizzjonali tat-test taż-żona ta' kontroll

Emissjonijiet fil-punt tat-test	Veloċità tal-Magna	Tagħbija (%)	CO (g/k/Wh)	HC (g/k/Wh)	NO_x (g/k/Wh)	$HC+NO_x$ (g/kWh)	PM (g/k/Wh)	PN n/kWh
Riżultat tat-test 1								
Riżultat tat-test 2								
Riżultat tat-test 3								

9.5. Sistemi ta' kampjunar użati għat-test NRSC: .....

▼B

9.5.1. Emissjonijiet gassużi: .....

9.5.2. PM: .....

9.5.2.1. Metodu: filtru uniku/multiplu

9.5.3. Għadd ta' partikuli: .....

▼M1

10. **Informazzjoni dwar it-twettiq tat-test tranżitorju (jekk applikabbli):**

10.1. Ċiklu (immarka ċ-ċiklu b'X) li jrid jiġi dikjarat fit-Tabella 8:

It-Tabella 8

Ċiklu tat-test tranżitorju:

NRTC	
LSI-NRTC	

10.2. Fatturi ta' deterjorament tat-test tranżitorju:

10.2.1. Fattur ta' Deterjorament (DF): ikkalkulat/fiss

10.2.2. Il-valuri tal-Fattur ta' Deterjorament (DF) u r-riżultati tal-emissjonijiet li jridu jiġu dikjarati fit-Tabella 9 jew fit-Tabella 10

10.3. Riżultati tal-emissjonijiet tal-NRTC

Tabella 9

Il-valuri tal-Fatturi ta' Deterjorament (DF) u r-riżultati tal-emissjonijiet għall-NRTC

DF immultiplika/żid	CO	HC	NO_x	$HC+NO_x$	PM	PN
Emissjonijiet	CO (g/kWh)	HC (g/kWh)	NO_x (g/kWh)	$HC+NO_x$ (g/kWh)	PM (g/kWh)	PN (#/kWh)
Startjar ta' magna kiesħa						
Riżultati tat-test bi startjar sħun bi/mingħajr riġenerazzjoni						
Riżultat ponderat tat-test						
k_{ru}/k_{rd} immultiplika/żid						
Riżultat ponderat tat-test bl-IRAFs						
Riżultat tat-test finali bil-Fattur ta' Deterjorament (DF)						

10.3.1. CO_2 f'ċiklu sħun (g/kWh):

10.3.2. NH_3 medja taċ-ċiklu (ppm):

10.3.3. Attività taċ-ċiklu għal test bi startjar sħun (kWh):

10.3.4. CO_2 ċ-ċiklu għat-test bi startjar sħun (g):

10.4. Riżultati tal-emissjonijiet tal-LSI-NRTC

▼M1

Tabella 10

Il-valuri tal-Fatturi ta' Deterjorament (DF) u r-riżultati tal-emissjonijiet għal-LSI- NRTC

DF immultiplika/żid	CO	HC	NO_x	$HC+NO_x$	PM	PN
Emissjonijiet	CO (g/kWh)	HC (g/kWh)	NO_x (g/kWh)	$HC+NO_x$ (g/kWh)	PM (g/kWh)	PN (#/kWh)
riżultat tat-test bi/mingħajr riġenerazzjoni						
k_{ru}/k_{rd} immultiplika/żid						
Riżultat tat-test bl-IRAFs						
Riżultat tat-test finali bil-Fattur ta' Deterjorament (DF)						

10.4.1. CO_2 f'ċiklu (g/kWh):

10.4.2. NH_3 medja taċ-ċiklu (ppm):

10.4.3. Attività taċ-ċiklu (kWh):

10.4.4. CO_2 f'ċiklu (g):

10.5. Sistema tal-kampjunar użata għat-test tranżitorju:

10.5.1. Emissjonijiet gassużi:

10.5.2. PM:

10.5.3. Għadd ta' partikuli:

11. **Riżultat finali tal-emissjonijiet**

11.1. Riżultati tal-emissjonijiet taċ-ċiklu li jridu jiġu dikjarati fit-Tabella 11.

Tabella 11

Riżultat finali tal-emissjonijiet

Emissjonijiet	CO (g/kWh)	HC (g/kWh)	NO_x (g/kWh)	$HC+NO_x$ (g/kWh)	PM (g/kWh)	PN (#/kWh)	Test Ċiklu ([1])
Riżultat finali tal-NRTC bil-Fattur ta' Deterjorament (DF) ([2]).							
Riżultat finali tat-test tranżitorju bil-Fattur ta' Deterjorament (DF) ([3])							

11.2. Riżultat tas-CO_2 ([4]):

11.3. Valuri ta' referenza tal-monitoraġġ fis-servizz ([5])

11.3.1. Xogħol ta' referenza (kWh) ([6]):

11.3.2. Massa tas-CO_2 ta' referenza (g) ([7]):

Noti ta' spjegazzjoni tal-Appendiċi 1:

(Ir-referenzi għan-noti f'qiegħ il-paġna, in-noti f'qiegħ il-paġna u n-noti ta' spjegazzjoni ma għandhomx jitniżżlu fir-rapport tat-test)

([1]) Għall-NRSC indika ċ-ċiklu nnutat fil-punt 9.1 (it-Tabella 4); għat-test tranżitorju indika ċ-ċiklu nnutat fil-punt 10.1 (it-Tabella 8).

▼**M1**

([2]) Kopja tar-“Riżultati finali tat-test bil-Fattur ta' Deterjorament (DF)” mit-Tabella 6.

([3]) Kopja tar-“Riżultati finali tat-test bil-Fattur ta' Deterjorament (DF)” mit-Tabella 9 jew mit-Tabella 10, kif applikabbli.

([4]) Għat-tip tal-magna jew il-familja tal-magna li jiġu ttestjati b'NRSC u b'ċiklu tranżitorju, indika l-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 f'ċiklu sħun mill-NRTC nnutat fil-punt 10.3.4 jew il-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 mil-LSI-NRTC nnutat fil-punt 10.4.4. Għal magna li tkun ġiet ittestjata biss b'NRSC, indika l-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 mogħtija f'dak iċ-ċiklu nnutat mill-punt 9.3.3.

([5]) Applikabbli biss għall-magni tas-sottokategoriji NRE-v-5 u NRE-v-6 ittestjati b'NRTC.

([6]) Indika l-valur tal-attività taċ-ċiklu għal test bi startjar sħun mill-NRTC nnutat fil-punt 10.3.3.

([7]) Indika l-valur tas-CO_2 f'ċiklu għall-valur tat-test bi startjar sħun mill-NRTC nnutat fil-punt 10.3.4.

▼B

ANNESS VII

Format għal-lista ta' magni msemmija fl-Artikolu 37(1) tar-Regolament (UE) 2016/1628

1.1. Għamla (għamliet) (isem (ismijiet) kummerċjali tal-manifattur): .....

1.2. Isem (ismijiet) kummerċjali (jekk applikabbli): .....

1.3. Isem u indirizz tal-kumpanija tal-manifattur: .....

1.4. Isem u indirizz tar-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur (jekk ikun hemm): .....

1.5. Isem (ismijiet) u indirizz(i) tal-impjant(i) tal-assemblaġġ/tal-manifattura: .....

1.7. Numru tal-lista ([0]): .....

1.7.1 Raġuni għas-sottomissjoni tal-lista ([1]): Annwali/Stadju V/TAA ([2])

1.7.2 Data tal-bidu tal-perjodu tal-lista (jj/xx/ssss): .....

1.7.3 Data tat-tmiem tal-perjodu tal-lista (jj/xx/ssss): .....

Dežinjazzjoni tal-familja tal-magna / Dežinjazzjoni tat-tip ta' magna ([3])	Kategorija u subkategorija ([4])	Għadd ta' magni manifatturati matul il-perjodu tal-lista	Numru ta' identifikazzjoni tal-magna ([5])		Xahar u sena tal-waqfien tal-produzzjoni (xx/ssss) ([6])
			L-ewwel magna	L-aħħar magna	
Familja tal-magna 1					
Tip 1					
Tip …					
Tip i					
Familja tal-magna …					
Tip 1					
Tip …					
Tip j					
Familja tal-magna n					
Tip 1					
Tip …					
Tip k					

Noti ta' spjegazzjoni tal-Anness VII:

(Ir-referenzi għan-noti f'qiegħ il-paġna, in-noti f' qiegħ il-paġna u n-noti ta' spjegazzjoni ma għandhomx jitniżżlu fuq il-lista ta' magni prodotti skont l-approvazzjonijiet tat-tip tal-UE mogħtija)

([0]) Uża l-kodiċi li ġej: *ssss/nn* Meta *ssss* hija s-sena ta' produzzjoni tal-lista u *nn* huwa n-numru sekwenzjali tal-listi ppreżentati matul dik is-sena.

([1]) Indika wieħed mill-kodiċi li ġejjin:

Kull sena għal listi ppreżentati fi żmien 45 jum mit-tmiem ta' kull sena kalendarja;

Fażi V għal listi ppreżentati immedjatament wara kull data għat-tqegħid fis-suq tal-magni msemmija fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2016/1628;

▼B

TAA għal listi ppreżentati fi kwalunkwe data oħra li l-awtorità tal-approvazzjoni tista' tistabbilixxi.

([2]) Aqta' barra l-għażliet li ma jkunux intużaw, jew uri biss l-għażla (għażliet) li jkunu ntużaw.

([3]) Indika d-dežinjazzjoni tat-tip ta' magna/dežinjazzjoni tal-familja tal-magna skont l-entrati 1.6 U 3.1.1 tad-dokument ta' informazzjoni stabbiliti fl-Appendiċi 3 tal-Anness I.

([4]) Indika l-għażla applikabbli għall-kategorija u għas-subkategorija skont l-entrata 1.7 tad-dokument ta' informazzjoni stabbilita fil-Parti A tal-Appendiċi 3 tal-Anness I.

([5]) Applikabbli biss meta l-korrelazzjoni tan-numru ta' identifikazzjoni tal-magna mat-tipi ta' magni korrispondenti u, fejn applikabbli, mal-familji ta' magni u man-numri ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE ma tkunx identifikata mis-sistema ta' kodifikazzjoni tal-magna (dežinjazzjoni tat-tip ta' magna/dežinjazzjoni tal-familja tal-magna).

([6]) Applikabbli biss meta l-manifattur ma jibqax jipproduċi tip ta' magna jew familja ta' magni approvati; f'dan il-każ, indika x-xahar u s-sena tal-produzzjoni tal-aħħar magna.

▼B

ANNESS VIII

Mudelli u l-istruttura tad-dejta għall-iskambju ta' dejta permezz tal-IMI

Is-sistema tal-IMI għandha tippermetti l-iskambju ta' mill-inqas id-dejta li ġejja bejn l-awtoritajiet tal-approvazzjoni; l-istruttura u numerazzjoni tad-dejta għandhom ikunu rispettati.

1. Għamla (għamliet) (isem (ismijiet) kummerċjali tal-manifattur): .....

2. Isem (ismijiet) kummerċjali (jekk applikabbli): .....

3. Isem tal-kumpanija tal-manifattur: .....

3.1. Indirizz postali / Triq u n-numru tal-manifattur: .....

3.1.1. Kodiċi postali: .....

3.1.2. Pajjiż / Reġjun: .....

4. Isem ir-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur (jekk ikun hemm): .....

4.1. Indirizz postali / Triq u n-numru tar-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur: .....

4.1.1. Kodiċi postali: .....

4.1.2. Pajjiż / Reġjun: .....

5. .....

5.1. Indirizz(i) postali / Triq(Toroq) u n-numru(i) tal-impjant(i) ta' assemblaġġ/manifattura: .....

5.1.1. Kodiċi postali: .....

5.1.2. Pajjiż(i) / Reġjun(i): .....

6. Dežinjazzjoni tat-tip ta' magna/dežinjazzjoni tal-familja tal-magna /FT ([1]) ([2]): .....

7. Kategorija u subkategorija tat-tip ta' magna/familja tal-magna ([1]) ([3]): ....

7.1. In-numru ta' identifikazzjoni tal-magna tal-magna ttestjata ([4]): .....

8. Approvazzjoni tat-tip tal-UE: mogħtija/estiża/riveduta/rifjutata/ irtirata ([1]) ([5])

8.1. Data tal-għoti/estensjoni/reviżjoni/rifjut/irtirar ([1]) tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ([5])

9. Numru tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE (ħlief jekk tkun ġiet rifjutata) ([5]): .....

10. Stadju tal-emissjonijiet: V/ SPE ([1]) ([5])

11. Eżenzjoni għal teknoloġiji ġodda jew kunċetti ġodda skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2016/1628 ([5]) ([6])

11.1 Validità tal-approvazzjoni limitata sa jj/xx/ssss ([5]) ([6])

11.2. Restrizzjonijiet għall-validità ([5]) ([6]): .....

11.3. Eżenzjonijiet applikati ([5]) ([6]): .....

12. Riżultat finali tal-emissjonijiet ([7])

12.1 Riżultati taċ-ċiklu ta' emissjonijiet

Emissjonijiet	CO (g/k/Wh)	HC (g/k/Wh)	NO_x (g/k/Wh)	HC+NO_x (g/k/Wh)	PM (g/k/Wh)	PN #/kWh	Test Ċiklu
Riżultat finali tal-NRSC bid-DF							
Riżultat finali tat-test NRTC bid-DF							

12.2 Riżultat tas-CO_2: .....

▼B

Noti ta' spjegazzjoni tal-Anness VIII:

(Ir-referenzi għan-noti f'qiegħ il-paġna, in-noti f' qiegħ il-paġna u n-noti ta' spjegazzjoni ma għandhomx jitniżżlu)

([1]) Aqta' barra l-għażliet li ma jkunux intużaw, jew uri biss l-għażla (għażliet) li jkunu ntużaw.

([2]) Indika d-dežinjazzjoni tat-tip ta' magna/dežinjazzjoni tal-familja tal-magna skont l-entrati 1.6 U 3.1.1 tad-dokument ta' informazzjoni stabbiliti fl-Appendiċi 3 tal-Anness I.

([3]) Indika l-għażla applikabbli għall-kategorija u għas-subkategorija skont l-entrata 1.7 tad-dokument ta' informazzjoni stabbilita fil-Parti A tal-Appendiċi 3 tal-Anness I.

([4]) Indika l-informazzjoni mill-entrata 2.2 tal-Appendiċi 1 tal-Anness VI (rapport tat-test).

([5]) Indika l-valur applikabbli taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE kif stabbilit fl-Anness IV.

([6]) Imla din l-entrata biss għal approvazzjoni tat-tip tal-UE għal tip ta' magna jew għal familja ta' magni bħala eżenzjoni għal teknoloġiji ġodda jew kunċetti ġodda, skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2016/1628.

([7]) Indika l-informazzjoni mit-taqsima 11 tal-Appendiċi 1 tal-Anness VI (rapport tat-test).

▼B

ANNESS IX

Parametri għad-definizzjoni tat-tipi ta' magni u ta' familji ta' magni, u l-modalitajiet operattivi tagħhom

1. **Tip ta' magna**

Il-karatteristiċi tekniċi ta' tip ta' magna għandhom ikunu dawk definiti fid-dokument ta' informazzjoni tagħha abbozzat skont il-mudell stabbilit fl-Anness I.

1.1. Modalità operattiva (operazzjoni tal-veloċità)

Tip ta' magna jista' jkollha approvazzjoni tat-tip tal-UE bħala magna b'veloċità kostanti jew bħala magna b'veloċità varjabbli, kif definit fl-Artikoli 3(21) u 3(22) tar-Regolament (UE) 2016/1628.

1.1.1. Magni b'veloċità varjabbli

1.1.1.1. Fil-każ li, kif permess mill-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) 2016/1628, tintuża magna b'veloċità varjabbli ta' kategorija partikolari minflok magna ta' veloċità kostanti tal-istess kategorija, il-magna referenzjarja (għall-fini tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE) u t-tipi ta' magni kollha fil-familja tal-magna (għall-finijiet tal-konformità tal-produzzjoni), għandhom jiġu ttestjati bl-użu tal-NRSC applikabbli b'veloċità varjabbli u barra minn hekk, fejn ikun meħtieġ mill-Artikolu 24(9) jew mill-Artikolu 24(10) tar-Regolament (UE) 2016/1628, iċ-ċiklu tranżitorju applikabbli. Kif stabbilit fl-Artikolu 24(5) tar-Regolament (UE) 2016/1628, ħlief fil-każ ta' magni tal-kategorija IWP, magna b'veloċità varjabbli ta' kategorija partikolari li tintuża f'operazzjoni b'veloċità kostanti tal-istess kategorija ma għandhiex għalfejn tiġi ttestjata wkoll permezz tal-NRSC bil-veloċità kostanti applikabbli.

1.1.1.2. Magni b'veloċità varjabbli tal-kategorija IWP għall-użu f'applikazzjoni waħda jew aktar oħrajn fuq passaġġi fuq l-ilma intern

Fil-każ li magna b'veloċità varjabbli tal-kategorija IWP tkun se titqiegħed fis-suq biex tintuża f'applikazzjoni waħda jew aktar oħrajn fuq passaġġi fuq l-ilma intern kif permess mill-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) 2016/1628 (IWP b'veloċità kostanti) u mill-Artikolu 4(1)(5)(b) tar-Regolament (UE) 2016/1628 (IWA b'veloċità varjabbli jew kostanti) ir-rekwiżiti ta' dan il-paragrafu għandhom jiġu sodisfatti wkoll.

1.1.1.2.1. Fil-każ li t-tip ta' magna hija l-magna referenzjarja, sabiex tikkonforma mal-Artikoli 24(5), 24(7) u 24(8) tar-Regolament (UE) 2016/1628 il-magna għandha, minbarra li tissodisfa l-valuri ta' limitu applikabbli meta tiġi ttestjata fuq l-NRSC E3, trid tissodisfa wkoll il-valuri ta' limitu applikabbli meta tiġi ttestjata fuq kull NRSC addizzjonali applikabbli (E2/C1/D2). Għal kull NRSC għandhom jiġu prodotti rapporti tat-testijiet separati u jiġu inklużi fil-pakkett ta' informazzjoni.

1.1.1.2.2. Fil-każ tat-tipi kollha ta' magni fi ħdan il-familja tal-magna, meta tiġi soġġetta għal test tal-emissjonijiet għall-konformità tal-produzzjoni l-magna għandha, minbarra li tilħaq il-valuri ta' limitu applikabbli meta tiġi ttestjata fuq l-NRSC E3, tilħaq ukoll il-valuri ta' limitu applikabbli meta tiġi ttestjata fuq kull NRSC b'veloċità kostanti applikabbli.

1.1.1.2.3. L-entrata 3.4.3 tal-Appendiċi 3 tal-Anness I għandha tindika kull NRSC applikabbli għat-tip ta' magna, flimkien mal-veloċitajiet korrispondenti tal-magna.

▼B

1.1.1.2.4. L-istruzzjonijiet għall-OEM stabbilit fl-Anness XIV tar-Regolament Delegat (UE) 2017/654 għandhom jistabbilixxu kull kategorija u modalità operattiva (operazzjoni tal-veloċità) li għalihom il-magna tista' tiġi installata.

1.1.2. Magni b'veloċità kostanti

1.1.2.1. Il-funzjoni ta' regolatur ta' veloċità kostanti għandha tintuża matul it-tħaddim b'veloċità kostanti. Ir-regolaturi ta' magni b'veloċità kostanti jistgħu ma jkunux meħtieġa jżommu l-veloċità eżattament kostanti l-ħin kollu. Il-veloċità tista' tonqos taħt il-veloċità b'tagħbija żero, b'tali mod li l-veloċità minima tintlaħaq qrib il-punt tal-potenza massima tal-magna. Dan huwa tipikament fir-reġjun ta' 0,1 sa 10 fil-mija.

1.1.2.2. Fil-każ li t-tip ta' magna tkun mgħammra b'veloċità diżingranata meta tiġi startjata jew meta tintefa l-vettura kif permess mill-Artikolu 3(21) tar-Regolament (UE) 2016/1628, il-magna għandha tiġi installata b'tali mod li jiġi żgurat li l-funzjoni tar-regolatur ta' veloċità kostanti tkun attivata qabel tiżdied id-domanda tat-tagħbija fuq il-magna mill-programm ta' mingħajr tagħbija.

1.1.2.3. Tipi ta' magni b'veloċità kostanti mgħammra b'veloċitajiet alternattivi

Magna b'veloċità kostanti ma għandhiex tiġi ddisinjata biex topera b'veloċità varjabbli. Fil-każ li t-tip ta' magna tkun mgħammra b'veloċitajiet alternattivi kif permess mill-Artikolu 3(21) tar-Regolament (UE) 2016/1628 ir-rekwiżiti ta' dan il-paragrafu għandhom jiġu sodisfatti wkoll.

1.1.2.3.1. Fil-każ li t-tip ta' magna tkun il-magna referenzjarja, sabiex tikkonforma mal-Artikoli 24(5) u 24(6) tar-Regolament (UE) 2016/1628 il-magna għandha tissodisfa l-valuri ta' limitu applikabbli meta tiġi ttestjata permezz taċ-ċiklu tat-test NRSC applikabbli f'kull veloċità kostanti applikabbli għat-tip ta' magna. Għal kull NRSC għandhom jiġu prodotti rapporti tat-testijiet separati u jiġu inklużi fil-pakkett ta' informazzjoni.

1.1.2.3.2. Fil-każ tat-tipi kollha ta' magni fi ħdan familja tal-magna, meta tiġi soġġetta għal test tal-emissjonijiet għall-konformità tal-produzzjoni l-magna għandha tissodisfa l-valuri ta' limitu applikabbli bl-użu taċ-ċiklu tat-test NRSC applikabbli f'kull veloċità kostanti applikabbli għat-tip ta' magna.

1.1.2.3.3. Kull veloċità kostanti applikabbli għat-tip ta' magna li hija permessa mill-manifattur għandha tiġi elenkata fit-Taqsima 3.2.1 tal-Appendiċi 3 tal-Anness I.

1.1.2.3.4. Il-magna għandha tiġi installata b'tali mod li jiġi żgurat li:

(a) il-magna titwaqqaf qabel ma jerġa' jiġi risettjat ir-regolatur tal-veloċità kostanti għal veloċità alternattiv; kif ukoll,

(b) ir-regolatur tal-veloċità kostanti jiġi ssettjat biss għall-veloċitajiet permessi mill-manifattur tal-magna.

1.1.2.3.5. L-istruzzjonijiet għall-OEM u għall-utenti finali stabbiliti fl-Annessi XIV u XV tar-Regolament Delegat (UE) 2017/654 għandhom jinkludu informazzjoni dwar l-installazzjoni u l-operat korrett tal-magna skont ir-rekwiżiti tal-paragrafi 1.1.2.2 u 1.1.2.3.

▼B

1.1.2.4. Magni b'veloċità kostanti tal-kategorija IWP għall-użu minflok magni b'veloċità kostanti tal-kategorija IWA

Fil-każ li magni b'veloċità kostanti tal-kategorija IWP tkun se titqiegħed fis-suq biex tintuża minflok magni b'veloċità kostanti tal-kategorija IWA kif permess mill-Artikolu 4(1)(5)(b) tar-Regolament (UE) 2016/1628 ir-rekwiżiti ta' dan il-paragrafu għandhom jiġu sodisfatti wkoll.

1.1.2.4.1. Fil-każ li t-tip ta' magna tkun il-magna referenzjarja, sabiex tikkonforma mal-Artikoli 24(5) u 24(8) tar-Regolament (UE) 2016/1628 il-magna għandha, minbarra li tissodisfa l-valuri ta' limitu applikabbli meta tiġi ttestjata fuq l-NRSC E2, tissodisfa wkoll il-valuri ta' limitu applikabbli meta tiġi ttestjata fuq l-NRSC D2. Għal kull NRSC għandhom jiġu prodotti rapporti tat-testijiet separati u jiġu inklużi fil-pakkett ta' informazzjoni.

1.1.2.4.2. Fil-każ tat-tipi kollha ta' magni fi ħdan il-familja tal-magna, meta tiġi soġġetta għal test tal-emissjonijiet għall-konformità tal-produzzjoni l-magna għandha, minbarra li tilħaq il-valuri ta' limitu applikabbli meta tiġi ttestjata fuq l-NRSC E2, tilħaq ukoll il-valuri ta' limitu applikabbli meta tiġi ttestjata fuq l-NRSC D2.

1.1.2.4.3. It-Taqsima 3.4.3 tal-Appendiċi 3 tal-Anness I għandha tindika kull NRSC applikabbli għat-tip ta' magna, flimkien mal-veloċitajiet korrispondenti tal-magna.

1.1.2.4.4. L-istruzzjonijiet għall-OEM stabbiliti fl-Annessi XIV tar-Regolament Delegat (UE) 2017/654 għandhom jistabbilixxu kull kategorija u modalità operattiva (operazzjoni tal-veloċità) li għalihom il-magna tista' tiġi installata.

2. **Kriterji tal-familja tal-magna**

2.1. Ġenerali

Il-familja tal-magna hija kkaratterizzata mill-parametri tad-disinn. Dawn għandhom ikunu komuni għall-magni kollha fi ħdan il-familja tal-magna. Il-manifattur tal-magna jista' jiddeċiedi, liema magni jappartjenu għal familja tal-magna, sakemm jiġu rispettati l-kriterji tal-appartenenza elenkati fil-paragrafu 2.4. Il-familja tal-magna għandha tiġi approvata mill-awtorità tal-approvazzjoni. Il-manifattur għandu jipprovdi lill-awtorità tal-approvazzjoni l-informazzjoni xierqa dwar il-livelli ta' emissjonijiet tal-membri tal-familja tal-magna.

2.2. Kategoriji ta' magni, modalità operattiva (operazzjoni tal-veloċità) u l-firxa tal-potenza

2.2.1. Il-familja tal-magna għandha tinkludi biss tipi ta' magni fl-istess kategorija ta' magni kif stabbilit fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2016/1628.

2.2.2. Il-familja tal-magna għandha tinkludi biss tipi ta' magni tal-istess operazzjoni tal-veloċità kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2016/1628.

2.2.3. Familji ta' magni li jinkludu aktar minn firxa unika ta' potenzi

2.2.3.1. Il-familja tal-magna tista' tkopri aktar minn firxa ta' potenza unika għall-istess operazzjoni tal-veloċità fi ħdan l-istess (sub)kategorija ta' magni. Konsistenti mal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2016/1628, f'dan il-każ il-magna referenzjarja (għall-fini tal-approvazzjoni tat-tip) u t-tipi ta' magni kollha fl-istess familja tal-magna (għall-fini tal-konformità tal-produzzjoni) għandhom, fir-rigward tal-firxiet ta' potenza applikabbli:

— jissodisfaw l-aktar valuri stretti ta' limiti tal-emissjonijiet;

— jiġu ttestjati bl-użu taċ-ċikli tat-testijiet li jikkorrispondu għall-aktar valuri stretti ta' limiti tal-emissjonijiet;

▼B

— jkunu soġġetti għad-dati l-aktar kmieni applikabbli għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE u għat-tqegħid fis-suq stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2016/1628.

Meta l-magna tiġi installata fil-makkinarju mobbli mhux tat-triq, sabiex jinżamm il-prinċipju tal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2016/1628, l-istruzzjonijiet għall-OEMs stabbiliti fl-Anness XIV tar-Regolament Delegat (UE) 2017/654 għandhom jinkludu d-dikjarazzjoni li l-installazzjoni mhijiex se tillimita lil magna b'mod permanenti biex tipprovdi biss potenza fil-firxa ta' potenzi ta' subkategorija b'limitu ta' emissjonijiet aktar strett mis-subkategorija li fiha l-magna tkun irċeviet l-approvazzjoni tat-tip.

2.2.3.2. Għall-fini tal-allokazzjoni ta' subkategorija tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għal familja ta' magni li tkopri aktar minn firxa unika ta' potenzi l-manifattur u l-awtorità tal-approvazzjoni għandhom jiddeċiedu s-subkategorija li l-aktar tirrifletti mill-qrib il-kriterji fil-paragrafu 2.2.3.1.

2.3. Każijiet speċjali

2.3.1. Interazzjonijiet bejn il-parametri

F'uħud mill-każijiet jista' jkun hemm interazzjoni bejn il-parametri li tista' twassal biex l-emissjonijiet jinbidlu. Dan għandu jitqies sabiex jiġi żgurat li magni b'karatteristiċi tal-emissjonijiet tal-egżost simili biss jiġu inklużi fl-istess familja tal-magna. Dawn il-każijiet għandhom jiġu identifikati mill-manifattur u jiġu nnotifikati lill-awtorità tal-approvazzjoni. Imbagħad dan għandu jitqies bħala kriterju biex tinħoloq familja tal-magna ġdida.

2.3.2. Apparati jew karatteristiċi li jkollhom influwenza kbira fuq l-emissjonijiet

Fil-każ ta' apparat jew karatteristiċi, li mhumiex elenkati fil-paragrafu 2.4 u li għandhom influwenza qawwija fuq il-livell ta' emissjonijiet, il-manifattur għandu jidentifika dan it-tagħmir billi juża ġudizzju inġineristiku sod, u jiġu nnotifikati lill-awtorità tal-approvazzjoni. Imbagħad dan għandu jitqies bħala kriterju biex tinħoloq familja tal-magna ġdida.

2.3.3. Kriterji addizzjonali

Minbarra l-parametri elenkati fil-paragrafu 2.4, il-manifattur jista' jintroduċi kriterji addizzjonali li jippermettu d-definizzjoni ta' familji ta' daqs aktar ristrett. Dawn il-parametri mhumiex neċessarjament parametri li jkollhom influwenza fuq il-livell tal-emissjonijiet.

2.4. Parametri li jiddefinixxu l-familja tal-magna

2.4.1. Ċiklu tal-kombustjoni

(a) ċiklu 2-stroke;

(b) ċiklu 4-stroke;

(c) Magna rotatorja;

(d) Oħrajn.

2.4.2. Konfigurazzjoni taċ-ċilindri

2.4.2.1. Pożizzjoni taċ-ċilindri fil-blokk

(a) Singolu

(b) V;

(c) F'linja;

(d) Opposti;

(e) Radjali;

(f) Oħrajn (F, W, eċċ.).

▼B

2.4.2.2. Pożizzjoni relattiva taċ-ċilindri

Magni bl-istess blokka jistgħu jappartjenu għall-istess familja ta' magni sakemm id-dimensjonijiet miċ-ċentru għaċ-ċentru tal-bor ikunu l-istess.

2.4.3. Mezz prinċipali ta' tkessiħ

(a) Arja;

(b) Ilma;

(c) Żejt.

▼M1

2.4.4. Ċilindrata għal kull ċilindru

2.4.4.1. Magna b'ċilindrata għal kull ċilindru ≥ 750 cm^3

Sabiex il-magni b'ċilindrata għal kull ċilindru ≥ 750 cm^3 jitqiesu li jappartjenu għall-istess familja tal-magni, il-firxa taċ-ċilindrata tagħhom għal kull ċilindru ma għandhiex taqbeż il-15 fil-mija tal-akbar ċilindrata għal kull ċilindru fil-familja tal-magna.

2.4.4.2. Magna b'ċilindrata għal kull ċilindru < 750 cm^3

Sabiex il-magni b'ċilindrata għal ċilindru individwali < 750 cm^3 jitqiesu li jappartjenu għall-istess familja tal-magni, il-firxa taċ-ċilindrata tagħhom għal kull ċilindru ma għandhiex taqbeż it-30 fil-mija tal-akbar ċilindrata għal kull ċilindru fil-familja tal-magna.

2.4.4.3. Magna b'firxa akbar fiċ-ċilindrata għal kull ċilindru

Minkejja l-punti 2.4.4.1 u 2.4.4.2, magni b'ċilindrata għal kull ċilindru li taqbeż il-firxa definita fil-paragrafi 2.4.4.1 u 2.4.4.2 jistgħu jitqiesu li jappartjenu għall-istess familja tal-magna soġġetti għall-approvazzjoni tal-awtorità tal-approvazzjoni. L-approvazzjoni għandha tkun ibbażata fuq elementi tekniċi (kalkoli, simulazzjonijiet, riżultati tal-esperimenti eċċ.) li juru li jekk tinqabeż il-firxa, ma jkunx hemm influwenza sinifikanti fuq l-emissjonijiet tal-egżost.

▼B

2.4.5. Metodu ta' aspirazzjoni tal-arja

(a) Aspirata b'mod naturali;

(b) Iċċarġjata bil-pressjoni;

(c) Iċċarġjata bil-pressjoni permezz ta' apparat li jkessaħ iċ-ċarġ.

2.4.6. It-tip ta' fjuwil

(a) Diżil (żejt tal-gass mhux għat-triq);

(b) Etanol għal magni dedikati li jaqbdu bil-kompressjoni (ED95);

(c) Petrol (E10);

(d) Etanol (E85).

(e) Gass naturali/Bijometan:

(1) Fjuwil universali — fjuwil b'valur kalorifiku għoli (gass H) u fjuwil b'valur kalorifiku baxx (gass L);

(2) Medda ristretta ta' fjuwils — fjuwil b'valur kalorifiku għoli (gass H);

(3) Medda ristretta ta' fjuwils — fjuwil b'valur kalorifiku baxx (gass L);

(4) Fjuwil speċifiku (LNG);

(f) Gass Likwifikat miż-Żejt (LPG);

▼B

2.4.7. Arranġament tal-alimentazzjoni

(a) Fjuwil likwidu biss;

(b) Fjuwil gassuż biss;

(c) Żewġ tipi ta' fjuwils tat-tip 1A;

(d) Żewġ tipi ta' fjuwils tat-tip 1B;

(e) Żewġ tipi ta' fjuwils tat-tip 2A;

(f) Żewġ tipi ta' fjuwils tat-tip 2B;

(g) Żewġ tipi ta' fjuwils tat-tip 3B.

2.4.8. Tip/disinn tal-kompartiment tal-kombustjoni

(a) Kompartiment miftuħ;

(b) Kompartiment maqsum;

(c) Tipi oħrajn.

2.4.9. Tip ta' tqabbid

(a) Tqabbid bl-ispark;

(b) Tqabbid bil-kompressjoni.

2.4.10. Valvijiet u adattament tal-bokok

(a) Konfigurazzjoni;

(b) Għadd ta' valvijiet għal kull ċilindru.

2.4.11. Tip ta' provvista tal-fjuwil

(a) Pompa, linja u injettur (bi pressjoni għolja);

(b) Pompa f'linja jew tad-distribuzzjoni;

(c) Injettur unitarju;

(d) Common rail;

(e) Karburatur;

(f) Injettur fil-bokka;

(g) Injettur dirett;

(h) Unità tat-taħlit;

(i) Oħrajn.

2.4.12. Apparati mixxellanji

(a) Riċirkolazzjoni tal-gass tal-egżost (EGR);

(b) Injezzjoni tal-ilma;

(c) Injezzjoni tal-arja;

(d) Oħrajn.

2.4.13. Strateġija għall-kontroll elettroniku

Il-preżenza jew in-nuqqas ta' ECU fuq il-magna jitqies bħala parametru bażiku tal-familja tal-magna.

Fil-każ ta' magni kkontrollati b'mod elettroniku, il-manifattur għandu jippreżenta l-elementi tekniċi li jispjegaw ir-raggruppament ta' dawn il-magni fl-istess familja ta' magni, jiġifieri r-raġunijiet għaliex dawn il-magni jistgħu jkunu mistennija li jissodisfaw l-istess rekwiżiti ta' emissjonijiet.

▼B

Ir-regolatur elettroniku tal-veloċità ma jeħtieġx li jkun f'familja differenti ta' magni minn dawk b'regolatur mekkaniku. Il-ħtieġa li l-magni elettroniċi jiġu sseparati mill-magni mekkaniċi għandha tapplika biss għall-karatteristiċi tal-injezzjoni tal-fjuwil, bħat-tajming, il-pressjoni, il-kurva tal-varjazzjoni, eċċ.

2.4.14. Sistemi ta' post-trattament tal-egżost

Il-funzjoni u l-kombinazzjoni tal-apparati li ġejjin jitqiesu bħala kriterji tal-appartenenza għal familja tal-magna:

(a) Katalizzatur tal-ossidazzjoni;

(b) Sistema $DeNO_x$ b'riduzzjoni selettiva tal-NO_x (żieda ta' aġent riduċenti);

(c) Sistemi $DeNO_x$ oħrajn;

(d) Sistema ta' postrattament tal-partikuli b'riġenerazzjoni passiva:

(1) wall-flow,

(2) non-wall-flow;

(e) Sistema ta' postrattament tal-partikuli b'riġenerazzjoni attiva:

(1) wall-flow,

(2) non-wall-flow;

(f) Sistemi oħra ta' postrattament tal-partikuli;

(g) Apparati oħrajn.

Meta magna tkun ġiet iċċertifikata mingħajr sistema ta' postrattament tal-egżost, kemm jekk tkun magna referenzjarja jew bħala membru tal-familja tal-magna, allura din il-magna, meta tiġi mgħammra b'katalizzatur tal-ossidazzjoni (mhux b'sistema ta' postrattament tal-partikuli), tista' tiġi inkluża fl-istess familja tal-magna, jekk ma tkunx jeħtieġ karatteristiċi differenti tal-fjuwil.

Jekk tkun teħtieġ karatteristiċi speċifiċi tal-fjuwil (eż. sistemi ta' postrattament tal-partikuli li jkunu jeħtieġu addittivi speċjali fil-fjuwil biex jiġi żgurat il-proċess ta' riġenerazzjoni), id-deċiżjoni sabiex din tiġi inkluża fl-istess familja tal-magna għandha tkun ibbażata fuq elementi tekniċi pprovduti mill-manifattur. Dawn l-elementi għandhom jindikaw li l-livell mistenni tal-emissjonijiet tal-magna mgħammra jkun konformi mal-istess valur ta' limitu bħall-magna li ma tkunx mgħammra.

Meta magna tkun ġiet iċċertifikata b'sistema ta' postrattament tal-egżost, kemm jekk tkun magna referenzjarja jew bħala membru tal-familja tal-magna, li l-magna referenzjarja tagħha tkun mgħammra bl-istess sistema ta' posttratament tal-egżost, allura din il-magna, meta tiġi mgħammra mingħajr sistema ta' posttratament tal-egżost, ma għandhiex tiżdied mal-istess familja tal-magna.

2.4.15. Magni li jużaw żewġ tipi ta' fjuwils

It-tipi ta' magni kollha fi ħdan familja ta' magni li jużaw żewġ tipi ta' fjuwils għandhom jappartjenu għall-istess tip ta' magni li jużaw żewġ tipi ta' fjuwils kif definit fit-taqsima 2 (pereżempju tat-tip 1A, tat-tip 2B tip, eċċ.), u joperaw bl-istess tipi ta' fjuwils iddikjarati skont dan ir-Regolament li huma tal-istess firxa(iet).

▼B

Minbarra li jappartjenu għall-istess tip ta' magna li tuża żewġ tipi ta' fjuwils, il-proporzjon massimu tal-enerġija tal-gass tagħhom fiċ-ċiklu tat-test applikabbli ($GER_{ċiklu}$) għandu jkun fil-firxa ta' bejn 70 u 100 fil-milja ta' dak tat-tip ta' magna bl-ogħla $GER_{ċiklu}$.

2.4.16. Temperatura tal-arja fil-bokka għal magni tal-kategorija NRS < 19 kW:

(a) li jikkonsistu minn tipi ta' magni li se jintużaw f'makkinarju li jneħħi s-silġ: il-magni għandhom jiġu ttestjati b'temperatura tal-arja fil-bokka ta' bejn 0 °C u – 5°C;

(b) Ma jikkonsistux esklussivament minn tipi ta' magni li se jintużaw f'makkinarju li jneħħi s-silġ: il-magni għandhom jiġu ttestjati b'temperatura tal-arja ta' 25 ± 5 °C fil-bokka.

2.4.17. Kategorija tal-Perjodu tad-Durabbiltà tal-Emissjonijiet (EDP)

Fil-każ ta' kategoriji ta' magni fit-tabella V-3 jew V-4 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2016/1628 li jkollhom valuri alternattivi għall-EDP, il-kategorija tal-EDP iddikjarata mill-manifattur:

(a) Kat 1 (Prodotti għall-konsumaturi);

(b) Kat 2 (Prodotti semiprofessjonali);

(c) Kat 3 (Prodotti professjonali).

3. **Għażla tal-magna referenzjarja**

3.1. Ġenerali

3.1.1. Ladarba l-awtorità tal-approvazzjoni tkun qablet dwar il-familja tal-magna, il-magna referenzjarja tal-familja tal-magna għandha tintgħażel billi jintuża l-kriterju primarju tal-ogħla twassil ta' fjuwil għal kull strowk għal kull ċilindru fil-veloċità massima ddikjarata tat-torque. F'każ ta' żewġ magni jew aktar li jaqsmu dan il-kriterju primarju, il-magna referenzjarja għandha tintgħażel bl-użu tal-kriterju sekondarju tat-twassil massimu ta' fjuwil għal kull strowk bil-veloċità nominali.

3.1.2. L-awtorità tal-approvazzjoni tista' tikkonkludi li l-agħar każ ta' rata ta' emissjonijiet tal-familja tal-magna jista' jkun ikkaratterizzat l-aħjar billi tiġi ttestjata magna alternattiva jew magna addizzjonali. F'dan il-każ, il-partijiet involuti għandu jkollhom l-informazzjoni xierqa sabiex jiġu determinati l-magni fi ħdan il-familja tal-magna li huma probabbli li jkollhom l-ogħla livell ta' emissjonijiet.

3.1.3. Jekk il-magni fi ħdan il-familja tal-magna jinkorporaw fatturi varjabbli oħra li jistgħu jitqiesu li jaffettwaw l-emissjonijiet tal-egżost, dawn il-fatturi għandhom jiġu identifikati wkoll u għandhom jitqiesu fl-għażla tal-magna referenzjarja.

3.1.4. Jekk magni fil-familja tal-magna jissodisfaw l-istess valuri ta' emissjonijiet matul perjodi differenti tad-durabbiltà tal-emissjonijiet, dan għandu jitqies fl-għażla tal-magna referenzjarja.

3.2. Każijiet speċjali

3.2.1. Sabiex tintgħażel il-magna referenzjarja fil-każ ta' xi familja ta' magni b'veloċità varjabbli tal-kategorija IWP li jkun fiha tip ta' magna waħda jew aktar biex titqieġhed fis-suq għal applikazzjonijiet oħra fuq passaġġi fuq l-ilma intern skont il-paragrafu 1.1.1.2, ir-rekwiżiti tal-paragrafu 3.1 .1 għandhom jiġu applikati abbażi tal-NRSC E3. Il-valutazzjoni tar-rekwiżiti tal-paragrafi 3.1.2, 3.1.3 u 3.1.4 għandha tqis l-NRSCs kollha li għalihom tip ta' magna tkun qiegħda tiġi approvata għat-tip.

3.2.2. Sabiex tintgħażel il-magna referenzjarja fil-każ ta' xi familja ta' magni b'veloċità kostanti li fiha tip ta' magna waħda jew aktar b'veloċitajiet kostanti alternattivi kif stabbilit fil-paragrafu 1.1.2.3, il-valutazzjoni tar-rekwiżiti tal-paragrafu 3.1 għandhom jiġu applikati għal kull veloċità kostanti ta' kull tip ta' magna.

▼B

3.2.3. Sabiex tintgħażel il-magna referenzjarja fil-każ ta' xi familja ta' magni b'veloċità kostanti tal-kategorija IWP li fiha tip ta' magna waħda jew aktar biex titqiegħed fis-suq għal applikazzjonijiet ta' IWA b'veloċità kostanti skont il-paragrafu 1.1.2.4, ir-rekwiżiti tal-paragrafu 3.1.1 għandhom jiġu applikati abbażi tal-NRSC E2. Il-valutazzjoni tar-rekwiżiti tal-paragrafi 3.1.2, 3.1.3 u 3.1.4 għandha tqis l-NRSCs kollha li għalihom tip ta' magna tkun qiegħda tiġi approvata għat-tip.

▼B

ANNESS X

Dettalji tekniċi għall-prevenzjoni tat-tbagħbis

1. Għal tipi ta' magni u familji ta' magni li jużaw ECU bħala parti mis-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet il-manifattur għandu jipprovdi lill-awtorità tal-approvazzjoni b'deskrizzjoni tad-dispożizzjonijiet meħuda biex jiġi evitat it-tbagħbis u tal-modifikazzjoni tal-ECU inkluża l-faċilità għall-aġġornament permezz ta' programm jew kalibrazzjoni approvati mill-manifattur;

2. Għal tipi ta' magni u familji ta' magni li jużaw apparat mekkaniku bħala parti mis-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet il-manifattur għandu jipprovdi lill-awtorità tal-approvazzjoni b'deskrizzjoni tad-dispożizzjonijiet meħuda biex jiġi evitat it-tbagħbis u tal-modifikazzjoni tal-parametri aġġustabbli tas-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet. Dan għandu jinkludi l-komponenti reżistenti għat-tbagħbis bħal għatu limitatur tal-karburatur jew l-issiġillar tal-viti tal-karburatur jew viti speċjali li ma jistgħux jiġu aġġustati mill-utent.

2.1. Il-manifattur għandu juri lis-servizz tekniku li l-parametri aġġustabbli tas-sistema ta' kontroll ta' emissjonijiet ma jistgħux jiġu faċilment imbagħbsa bl-applikazzjoni ta' forza raġonevoli, jew:

— permezz tal-għodda fornuta flimkien mal-magna; jew,

— permezz ta' għodod ordinarji bħal tornaviti, tnalji (inklużi tnalji li jaqtgħu) jew spàners.

Għodda ordinarja ma tinkludix: ħafna mill-għodda li tintuża biex taqta jew tidħon, trapani jew għodda għat-tqattigħ rotanti, jew għodda li tiġġenera sħana eċċessiva jew fjamma.

3. Għall-fini ta' dan l-Anness 2, magni minn familji differenti ta' magni jistgħu jiġu ulterjorment ikkombinati f'familji abbażi tat-tip u d-disinn ta' miżuri għall-prevenzjoni kontra t-tbagħbis utilizzati. Sabiex magni minn familji ta' magni differenti jitpoġġew fl-istess familja ta' magni b'karatteristiċi li jevitaw it-tbagħbis il-manifattur għandu jipprovdi konferma lill-awtorità tal-approvazzjoni li l-miżuri użati biex jiġi evitat it-tbagħbis huma simili. F'dan il-każ ir-rekwiżiti tal-paragrafi 1 u 2 jistgħu jsiru għal magna rappreżentattiva u d-dokumentazzjoni korrispondenti tintuża matul l-approvazzjoni tat-tip tal-magni kollha fl-istess familja ta' magni b'karatteristiċi kontra t-tbagħbis.

4. Fil-manwal tal-operatur il-manifatturi għandhom jipprovdu twissija li tiddikjara li t-tbagħbis mal-magna jannulla l-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' dik il-magna partikolari.